MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Rikors Kongunt Numru. 115/2015

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Mejju 2000 u minn dan iz-zwieg twieled tifel Bertrand;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Alexandra Micallef mill-14 (erbghatax) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat Dok A);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom

hajja totalment separata minn xulxin u r-rikorrenti sahansitra iffurmaw rabta ma terzi persuni;

Illi m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti ghall-minuri, filwaqt li l-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment, u dan skont il-klawsola bl-ittra "i" tal-kuntratt anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Marzu, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Mejju 2010;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------